MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 48/2008/1

**Catherine Bartolo**

**v.**

**Joseph Bartolo**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell minn sentenza ta' separazzjoni personali deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-22 ta' Ottubru 2010. Il-konvenut appellant hassu aggravat

mid-decizjoni tal-imsemmija Qorti fir-rigward tat-tort moghti lilu ghat-tifrik taz-zwieg, ghall-ghoti ta' manteniment lill-appellata u wkoll fir-rigward tal-mod kif l-ewwel Qorti ddecidiet fuq il-proprjeta` parafernali.

2. Ghall-ahjar intendiment, is-sentenza appellata qed tigi riprodotta fl-intier taghha, imnejn jirrizultaw il-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni tal-attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:

“**Il-Qorti;**

“Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentatat fl-4 ta' Frar 2008 li permezz tiegħu l-attrici Catherine Bartolo ppremettiet:

“1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-2 ta' Awissu 2003 kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ (Dok A).

“2. Illi l-ħajja konjugali ġiet resa mpossibbli minħabba sevizzi, inġurji gravi, theddid, vjolenza morali, adulterju u abbandun kommessi da parti tal-konvenut u kif ukoll minħabba inkompatibbilta' ta' karattru.

“3. Illi miż-żwieġ twieled tifel ossia Tyron li għandu sentejn u xahrejn u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid (Dok B).

“4. Illi l-kontendenti ġew awtorizzati jipproċedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kopja ta' liema qed jiġi anness u mmarkat Dok C.

“Għaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenuti kif hawn fuq premess.

“2. Tafda lill-attriċi bil-kura u kustodja tat-tifel Tyron.

"3. Tiffissa retta alimentari pagabbli bħala manteniment mill-konvenut lill-attriċi għaliha u għat-tifel minuri Tyron.

"4. Tapplika kontra l-konvenut s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodiċi Ċivili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

"5. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

"6. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attriċi l-proprjeta' kollha tagħha parafernali jew il-valur tagħha.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attrici Catharine Bartolo u l-lista tax-xhieda.

"Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-18 ta' Marzu 2008, li permezz tagħha l-konvenut Joseph Bartolo eċċepixxa bir-rispett:

"1. Illi l-esponenti jaqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu l-attriċi, b'dana illi għandu jiġi ddikjarat illi *ż-żwieġ* tfarrak minħabba l-attriċi kif ser jirriżulta waqt il-ġbir tal-provi u għalhekk għandhom jiġu applikati kontra l-istess attriċi provvedimetni tal-artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

"2. Illi l-esponenti jaqbel li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata lill-attriċi iżda huwa għandu jkollu konċess lilu aċċess fiss b'ħinijiet u ġranet stabbiliti;

"3. Illi l-esponenti m'għandux jiġi kkundannat iħallas manteniment għal martu l-attriċi *stante* li hija tista' taħdem kif fil-fatt qed tagħmel. L-manteniment tal-minuri għandu jkun kkalkolat skond l-introjtu tal-esponenti;

“4. Illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi xolta u l-esponenti jingħata dak li għandu jappartjeni lilu u li ttieħed illegalment u abbużivament mill-mara meta hija telqet lill-esponenti kif ser jirriżulta waqt il-ġbir tal-provi;

“5. Illi l-esponenti m’għandu ebda proprjeta’ parafernali tar-rikorrenti;

“6. Salv risposti oħra.

“Bl-ispejjeż.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Joseph Bartolo u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom tal-istess partijiet.

“Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Mejju 2008 li permezz tiegħu innominat lill-Avukat Dottoressa Barbara O’Brien bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma’ l-provi, u dak sussegwenti li permezz tiegħu l-istess Dr O’Brien ġiet sostitwita b’Dottoressa Nadya Vella. Rat ukoll il-verbali tas-seduti li nżammu quddiem l-istess Assistenti Ġudizzjarji rispettivi;

“Rat id-diversi digrieti oħra taghha;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attriċi;

“Ikkunsidrat;

“Illi kif ġja’ ingħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand martu l-konvenuta għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu illi għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f’xulxin għal dan. Il-kawża naturalment kienet kontestata sew għalkemm sfortunatament bħalma ġie li jiġri, minħabba l-ammont kbir ta’ xogħol li għandha din il-Qorti ma kellhiex opportunita’ tisma’ l-partijiet jixhdu personalment iżda jkollha tistrieħ fuq il-verbali tas-seduti u l-affidavits, biss l-istess Qorti xorta tħoss li tista’ tiġġudika aħjar dwar it-tort ta’ min tfarrak iż-zwieġ. Ma setax jonqos

lanqas li waħda mill-kontestazzjoni prinċipali kienet dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom.

"**TORT**

"Kif ġia ingħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi tipponta lejn relazzjoni li żewġha tgħid li għandu ma' Nathalie Grima li tigi mart ħuha stess u li hija separata minn miegħu. Il-konvenut ipprova jiġġustifika ruħu billi tella' lill-istess Grima tixhed fejn din qalet li filwaqt li huwa minnu li l-konvenut jiffrekwentaha huwa jagħmel dan biex it-tfal rispettivi tagħhom li huma kuġini, jaraw lil xulxin. Il-Qorti ma tħossx li din hija ġustifikazzjoni u temmen mill-kumpless tal-provi li huwa minnu li l-konvenut beda relazzjoni ma' din il-persuna u kien huwa li allura ta lok għas-separazzjoni. Ċertament jekk ma hemmx il-prova ta' adulterju lampanti, hemm provi ta' inġurji ġravi iżda kollox ma' kollox il-Qorti temmen li jeżistu provi biżżejjed għal kawża ċivili li l-konvenut għandu relazzjoni adultera ma' din Nathalie Grima; ma hemm ebda spjegazzjoni loġika għaliex huwa għandu jiffrekwenta spiss lil din il-persuna ħlief appuntu peress li għandhom relazzjoni.

"Il-konvenut ukoll jallega li l-attriċi għandha relazzjoni ma' raġel ieħor iżda l-provi li ressaq huma vagi u ċertament mhux tali li jiġu aċċettati daqshekk leġġerment mill-Qorti.

"Għaldaqstant il-Qorti taqbel mal-attriċi li kien żewġha l-konvenut li ta lok ghas-separazzjoni ta' bejniethom minħabba adulterju u inġurji ġravi.

"**KURA U KUSTODJA**

"Il-partijiet qablu mill-bidu tal-proċeduri illi l-attriċi għandu jkollha kura kustodja tal-minuri b'aċċess lill-konvenut.

"**QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI**

"Mill-ġbir tal-provi irriżultaw is-segwenti assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti:

"**Beni immobbli**

"Dar matrimonjali – Flat 4, Arizona Court, Triq San Aristarku, San Pawl il-Bahar; il-partijiet jaqblu li dan jiswa mija u disgħa u erbgħin elf, erba' mija u tmenin Ewro (€149,480) kif jidher mill-affidavits tagħhom. Din kienet inxtrat qabel iż-żwieġ miż-żewġ partijiet flimkien (Dok K a fol 29). Fuq din il-proprjeta' hemm dejn pagabbli lill-bank H.S.B.C. L-attriċi tixtieq li din tinbiegh u r-rikavat jinqasam u l-konvenut ma għandux ikollu oġġezzjoni għal dan. Huwa għandu jibqa' jħallas il-pagamenti rateali sakemm tinbiegħ il-proprjeta' għaliex huwa biss jaħdem mill-partijiet, iżda b'effett mil-lum ikollu dritt jirċievi dak li jkun ħallas.

"**Beni mobbli;**

"Dgħajsa *(speed boat)* illi inxtrat tliet elef Lira Maltin (Lm3,000). Il-Qorti jidhrilha illi din għanda tinżamm mill-konvenut li għandu jħallas il-valur ta' nofsha lill-attrici; billi din issa m'għadhiex ġdida l-Qorti se tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400).

"Kontijiet bankarji ta'entita' żgħira;

"Stranament ma saret ebda referenza għall-mobbli li hemm fid-dar konjugali.

"Il-vettura li jsuq il-konvenut hija parafernali u qegħda naturalment fil-pussess tiegħu.

"**PROPRJETA' PARAFERNALI U ALLEGAZZJONIJIET TA' TEĦID TA' FLUS U OĠĠETTI OĦRA.**

"Saru diversi allegazzjonijet iżda l-unika prova ta' ċerta konsistenza hija l-attriċi ħadet magħha tliet elef Lira Maltin (Lm3,000) u għalhekk hija għandha teħodhom lura (€6,988.12). L-allegazzjoni tal-konvenut li l-attriċi ħadet il-flus ta' vettura tal-komunjoni li kienet reġistrata f'isimha

ma tantx hija kredibbli; f'kull każ dak iż-żmien (2006) il-partijiet kienu għadhom jgħixu flimkien.

"**MANTENIMENT**

"Fil-kors tal-medjazzjoni permezz ta' digriet tad-29 ta' Mejju 2007 il-konvenut kien ġie ordnat iħallas mitt Lira Maltin (Lm100) u ħamsin Lira Maltin (Lm50) għall-attriċi u għall-minuri rispettivament. Il-konvenut ilmenta minn dan l-istat ta' fatt u anke talab biex jitnaqqas il-manteniment iżda din it-talba kienet ġiet miċħuda. Huwa beda jħallas kemm jidhirlu hu u anke ġie kkundannat sentenza ta' ħabs sospiża mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-fatt jidher li għandu jħallas arretrati konsiderevoli. Dan id-digriet għandu jibqa' fis-seħħ sakemm tidħol in effett din il-parti tas-sentenza u l-konvenut jibqa' tenut iħallas l-arretrati.

"L-ilment prinċipali tal-konvenut huwa li ma jistax jibqa' jħallas id-dejn mal-bank u l-manteniment fl-istess ħin iżda l-Qorti ma taqbilx ma' dan. Id-dħul tiegħu jidher biżżejjed biex iħallas dawn l-ammonti; fuq kollox issa mhux se jkollu aktar skuża *una volta* d-dar matrimonjali tinbiegħ. Għalhekk b'effett kważi immedjat il-Qorti se tordna ħlas ta' mitejn Ewro (€200) għall-attriċi u mija u ħamsin Ewro (€150) għall-minuri. Il-konvenut jinsisti li l-attriċi tista' taħdem iżda l-Qorti taqbel mal-attriċi li qabel ma t-tifel tal-partijiet jikber ftit ikun impossibbli għaliha li toħroġ taħdem anke għaliex ommha, li magħha tgħix, taħdem hija stess.

"**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi din il-kawża billi:**

"**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti b'tort tal-konvenut;**

"**2. Tilqa' t-tieni talba u taffida l-kura u kustodja tal-minuri Tyron lill-attriċi b'dan li l-konvenut ikollu aċċess nhar ta' Sibt jew il-Ħadd alternattivament bejn l-10:00 a.m. u l-5:00 p.m.;**

**“3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment ta’ mitejn Ewro (€200) kull erba’ ġimgħat għall-istess attriċi u mija u ħamsin Ewro (€150) għall-minuri, u dan b’effett mill-1 ta’ Novembru 2010 *rebus sic standibus*;**

**“4. Tilqa’ r-raba’ talba;**

**“5. Tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi l-kontijiet kollha bankarji f’isem il-partijiet konġuntivament jew waħedhom jinqasmu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet; tordna li d-dar matrimonjali Flat 4, Arizona Court, Triq San Artistarku, San Pawl il-Bahar tinbiegħ (a bazi tal-prezz ta’ mija u disgħa u erbgħin elf, erba’ mija u tmenin Ewro (€149,480) u r-rikavat (wara li jitħallas il-Bank H.S.B.C.) jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti ugwali wara li l-konvenut jieħu lura l-ħlasijiet li għamel lill-bank imsemmi mil-lum sal-ġurnata tal-bejgħ; il-beni mobbli fid-dar jinbiegħu flimkien mad-dar u r-rikavat jinqasam indaqs bejn il-partijiet; il-konvenut jiġi assenjat l-i*speed boat* iżda jħallas bħala ekwiparazzjoni lill-attriċi s-somma ta’ elfejn u erba’ mitt Ewro (€2,400); il-partijiet għandhom iħallsu kull wiehed ħlasijiet dovuti minnhom fuq karti ta’ kreditu intestati fuq isimhom;**

**“6. Tilqa’ s-sitt talba u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta’ sitt elef, disa’ mija u disgħin Ewro (€6,990).**

**“L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.”**

**L-appell tal-konvenut**

3. Illi l-aggravji tal-appellant huma fis-succint is-segwenti:-
a. Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta tefghet it-tort tat-tifrik taz-zwieg fuqu u naqset li taghti konsiderazzjoni lill-prova li ressaq hu fil-konfront ta’ martu.

b. Illi l-manteniment li gie ordnat ihallas fil-konfront ta' martu huwa wiehed ingust stante li din tista' tmur tahdem.

c. L-appellant hassu aggravat ukoll bil-fatt li l-ewwel Qorti illikwidat €6,988.12c bhala kreditu parafernali sempliciment fuq il-kelma tal-attrici biss u gie kkundannat jirrestitwixxi l-istess somma immedjatament u mhux tigi mnaqqsa mir-rikavat tal-bejgh tad-dar. L-appellant hassu wkoll aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti ma ordnatx lill-attrici tirrifondi flejjes rikavati minn bejgh ta' Maruti Jeep li kienet tieghu qabel iz-zwieg u li l-istess attrici bieghet wara li ma baqghux flimkien.

**Risposta tal-attrici**

4. Illi fir-risposta taghha l-attrici irrilevat illi mill-assjem tal-provi prodotti wiehed ma jistax jikkonkludi illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament suggettiv u zbaljat biex waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm l-aggravju tal-adulterju da parti tal-konvenut.

5. Illi ghal dak li jirrigwarda manteniment hija ssottomettiet illi ladarba l-konvenut kien responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg allura l-ewwel Qorti kienet gusta li kkundannatu jhallas manteniment. Tissottometti wkoll illi ghalkemm il-konvenut jirrileva illi hu qieghed ihallas il-*loan* tad-dar, ladarba l-istess dar tinbiegh dawn il-pagamenti jieqfu.

6. Fir-rigward tal-aggravju tal-proprjeta` parafernali l-attrici tikkontendi illi din il-Qorti m'ghandhiex facilment tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Illi stante li l-aggravji kollha jikkoncernaw principalment apprezzament ta' fatti din il-Qorti necessarjament fliet l-atti processwali kollha u sejra titratta l-aggravji tal-appellant wiehed wara l-iehor.

8. Illi fir-rigward **<u>tal-ewwel aggravju</u>** u cioe` dwar ir-responsabbilita` tat-tifrik taz-zwieg, l-appellant

jissottometti illi wara t-twelid tat-tifel l-appellata qabditha bhal *depression* u bdiet tonqos mid-doveri matrimonjali taghha u tittraskura d-dar u ma ssajjarx hlief ghat-tifel sakem eventwalment telqet ghal kollox tghix ma' ommha.

9. Da parti taghha l-attrici xehdet kif hi bdiet tinnota certa kunfidenza zejda bejn zewgha u Nathalie Grima, li kienet mizzewga lil huha pero` kienet isseparata minnu. Tirrakonta wkoll kif sabet xi messaggi fuq il-*mobile* ta' zewgha minghand l-istess Grima u li zewgha beda jirrifjuta li johorgu jekk ma tmurx maghhom Grima[1]. Illi certament dan mhux agir normali ta' ragel mizzewweg li jkun irid terza persuna tkun prezenti fil-hrug tieghu ma' martu.

10. Xehdet ukoll omm l-appellata, Grace Grima, li stqarret li kemm-il darba rat ix-xarabank tal-appellant hdejn id-dar ta' omm Nathalie Grima u li f'okkazjoni minnhom rat l-appellant u lil Nathalie Grima tas-Sliema jixtru l-kebabs[2]. Illi din il-verzjoni ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-istess appellant.

11. Illi minn dan l-agir l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li t-tort tat-tifrik ta' dan iz-zwieg kien tal-appellant minabba adulterju u ingurji gravi. Illi kif gie diversi drabi ripetut mill-Qrati taghna, huwa difficli hafna li wiehed igib prova definittiva illi sar l-adulterju, u *stante* s-serjeta` tal-akkuza, min qieghed jallega l-adulterju jrid jipprova dan permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, li jridu jkunu precizi, gravi, konkordanti u univoci biex b'hekk ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika. Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi n*onostante* c-cahda tal-imsemmija Nathalie Grima illi hi u l-appellant kellhom relazzjoni flimkien, il-fatti jindikaw illi fil-fatt l-appellant kellu hbiberija intima ma' din il-persuna u ghalkemm ma tirravvizax prova sufficjenti ta' adulterju, hemm ragunijiet bizzejjed biex tiddeciedi li din il-hbiberija tikkostitwixxi ngurja gravi fil-konfront tal-appellata.

---

[1] Affidavit a fol. 20
[2] Affidavit a fol. 38

12. Illi l-appellant jipprova jitfa’ responsabbilita` fuq l-appellata billi jghid li raha f’okkazzjoni tinzel minn vettura quddiem il-hanut “Little People”. Dwar din l-okkazjoni anke pproduca xhud. Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, anke jekk dan il-fatt veru gara, certament mhix prova sufficcjenti li l-appellata kellha xi relazzjoni max-xufier tal-istess vettura.

13. Ghaldaqstant filwaqt li din il-Qorti tilqa’ in parte dan l-aggravju fis-sens li ma ssibx li gie ppruvat sodisfacentement li l-appelant ghandu relazzjoni adultera, tirrispingieh ghall-bqija.

14. Illi fir-rigward **<u>tat-tieni aggravju</u>** rigwardanti l-manteniment, l-appellant jissottometti illi li kieku kellu jhallas il-manteniment ordnat huwa kien se jifdallu f’idejh is-somma ta’ €229.51c kull erba’ gimghat filwaqt li l-appellata jkollha f’idejha €794.81c.

15. Illi fil-mori tal-appell l-appellantipprezenta wkoll kuntratt ta’ impjieg li ffirma mal-Kumpanija Arriva Malta Ltd minn fejn jirrizulta illi se jkollu dhul *net* ta’ circa €8830.24 fis-sena u cioe` €679.25 kull erba’ gimghat.

16. Illi l-manteniment li konjugi jrid jissoministra lill-iehor hu regolat b’Artikolu 54 tal-Kodici Civili. Illi Certament l-appellant m’ghandux xi introjtu abbundanti u ghalhekk l-ghoti ta’ manteniment irid jidhol fil-parametri tal-istess introjtu u dan in konsonanza ma Artikolu 3 tal-Kodici Civili. Illi din il-Qorti ma thossx illi ghandha tmiss il-manteniment fir-rigward tal-minuri, liema manteniment huwa wiehed konservattiv hafna, pero` thoss illi ghandu jkun hemm temprament fir-rigward tal-manteniment dovut lill-appellata. Illi din il-Qorti thoss illi ghalkemm l-appellant huwa hati tat-tifrik taz-zwieg, huwa ghandu jibqa’ jhallas manteniment ta’ mitejn ewro (€200) kull erba’ gimghat lill-appellata sa zmien ghaxar (10) snin mil-lum, liema manteniment ghandu jigi terminat qabel jekk hi tkun qed tahdem *full time*, u dan in vista li l-appellata ghadha ta’ eta’ zghira u ghandha potenzjal li ssib impjieg. Illi biex waslet ghal din id-decizjoni din il-Qorti kkunsidrat li l-appellata se jkollha principalment f’idejha t-trobbija tal-

minuri li ghad ghandu hames snin u ghalhekk hi tal-fehma illi sa ghaxar snin ohra l-istess minuri ikun lahaq eta` li tippermetti lill-appellata ssib impjieg *full time*.

17. Ghaldaqstant din il-Qorti qeghdha tilqa' l-aggravju tal-appellant limitatament fis-sens li ntqal hawn fuq.

18. Illi fir-rigward **tat-tielet aggravju** l-appellant jissottometti illi l-ewwel Qorti qaghdet biss fuq il-kelma tal-appellata illi hija nefqet €6,988.12c ghal xiri ta' dghajsa fiz-zwieg liema somma kienet parafernali. Huwa jargumenta illi l-appellata ma gabet ebda prova fir-rigward tal-istess bhal nghidu ahna xi prova dokumentarja.

19. Fil-fehma ta' din il-Qorti jekk l-appellant kellu xi kontestazzjoni dwar l-istess flus messu esiga li l-appellata tikkorrabora dak li kienet qed issostni bi provi ohra, haga li ma ghamilx. Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, din il-Qorti ma ssib xejn censurabbli mill-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

20. Illi l-appellant jilmenta wkoll illi ma kienx gust illi l-ewwel Qorti ikkundannatu jhallas lill-appellata s-somma fuq imsemmija stante li dan ma kienx dejn tieghu personali imma dejn versu l-komunjoni tal-akkwisti. Hawnhekk din il-Qorti taqbel mal-appellant u ghalhekk hemm lok ta' temprament fir-rigward tal-kundanna tal-imsemmija rifuzjoni. Tali rifuzjoni tas-somma ta' €6,988.12c rapprezentanti kreditu parafernali tal-appellata ghandu jigi mhallas lilha direttament mill-prezz tal-bejgh tal-fond matrimonjali.

21. Illi fit-tieni parti tat-tielet aggravju l-appellant jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti naqset stante li ma ordnatx lill-appellata thallsu l-prezz tal-Maruti Jeep bin-numru ta' registrazzjoni LAD-649 li kienet parafernali tieghu u dan nonostante illi l-istess appellata tammetti li l-istess vettura kienet tieghu qabel iz-zwieg u li bieghetha wara li ma baqghux flimkien u dan bil-prezz ta' Lm700. Illi mill-atti jirrizulta illi din il-vettura kienet giet registrata f'isem l-appellant fl-1996 u ghalhekk certament qabel izzewwgu l-partijiet. Din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni ix-

xhieda tal-istess appellata, taqbel mal-argument tal-appellant in kwantu l-appellata ghandha tirrifondilu s-somma miksuba mill-bejgh tal-istess vettura. Din ir-rifuzjoni ghandha ssir billi jitnaqqas minn sehemha tal-fond is-somma ta’ Lm700 li ghandhom jghaddu lill-appellant. Illi din il-Qorti ma thossx li ghandha tvarja s-somma msemmija mill-appellata billi m’ghandha l-ebda prova ohra li l-imsemmija vettura kienet fil-verita` tiswa iktar.

22. Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tilqa’ limitatament u fis-sens rilevat hawn fuq dan l-aggravju.

**Decide**

23. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:
a. Tikkonfermaha in kwantu laqghet l-ewwel talba u ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut;

b. Tvarja l-ghoti ta’ manteniment favur l-attrici fis-sens kif intqal iktar ’il fuq u cioe` tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ mitejn ewro (€200) kull erba’ gimghat sa ghaxar (10) snin mil-lum, liema manteniment ghandu jigi terminat qabel jekk hi tkun qeghdha tahdem *full time*, b’dan li l-manteniment likwidat favur il-minuri Tyron ghandu jibqa’ kif deciz mill-ewwel Qorti.

c. Tvarja l-likwidazzjoni tal-beni parafernali fis-sens illi tiddikjara illi l-attrici ghandha kreditu parafernali fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti fis-somma ta’ €6,988.12c u tordna li tali kreditu ghandu jithallas mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali wara li jithallas id-dejn mal-Bank u wara li l-konvenut jigi rifuz nofs il-hlasijiet li jkun ghamel ghal-*loan* tal-istess dar mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu kreditu parafernali fil-konfront tal-attrici fis-somma ta’ €1,630.56 jew Lm700 u tordna lill-attrici thallas tali somma minn sehemha mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali wara li jithallas id-dejn mal-Bank.

24. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) filwaqt li dawk ta' dan l-appell jithallsu in kwantu zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-konvenut appellant u terz ($^{1}/_{3}$) mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------